**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019**

**Rikors Guramentat Numru:- 19/2015JVC**

**Zammit Aluminium Limited (C 6990)**

**vs**

**All Seasons Holidays Limited (C 37825), Charmain Vella u Mary Rose Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Zammit Aluminium Limited fejn Raymond Zammit iddikjara bil-gurament:

i. Illi s-socjeta' attrici tipproduci u tbiegh xoghol ta' hgieg u aluminium;

ii. Illi l-konvenuti kienu ordnaw diversi xoghlijiet minghand is-socjeta' attrici u anke kkummissjonaw diversi xoghlijiet ta' riparazzjoni u manutenzjoni, liema xoghol kollu sar fil-lukanda bl-isem ta' *Hotel Xlendi Resort and Spa* li tinsab gewwa Triq San Xmun, Xlendi, Ghawdex;

iii. Illi dan ix-xoghol effettivament sar u gie stallat fuq il-post;

iv. Illi ghalkemm saru xi pagamenti akkont tal-ammont kollu dovut, sal-lum il-konvenuti baqalhom ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf u tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) flimkien mal-imghax;

v. Illi infatti wara l-ahhar pagament li sar kien fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2014, il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jeffettwaw il-bilanc tal-hlas, pero' baqghu nadempjenti u nfatti la rrispondew ghall-ittra nterpellatorja datata tlettax (13) ta' Jannar 2015 u lanqas ghall-ittra ufficjali datata hamsa (5) ta' Frar 2015.

vi. Illi fil-fehma tar-rikorrenti dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jqanqlu ghat-talbiet li qed isirulhom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh u dana ai termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf u tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin

centezmu (€23,082.54) flimkien mal-imghax mid-data tal-konsenja tax-xoghol sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu dan l-ammont;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja u tal-ittra ufficjali u bl-imghax sad-data tal-pagament u b'riserva ta' kull dritt fil-Ligi senjatament ghall-ammont dovut.

Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuti kollha All Seasons Holidays Ltd et fejn ikkonfermaw bil-gurament:

1. Illi x-xoghol minghand is-socjeta' attrici gie ordnat mis-socjeta' konvenuta All Seasons Holidays Limited ghal-lukanda Hotel Xlendi Resort & Spa. Din is-socjeta' ghandha f'idha l-operazzjoni u l-gestjoni tal-lukanda b'mod generali. Dan kien a saputa tas-socjeta' attrici billi dan l-appalt ma kienx l-uniku xoghol li sar minnha fil-lukanda. In linea preliminari ghalhekk il-konvenuti l-ohra Mary Rose Vella u Charmaine Vella, mhumiex il-legittimi kontradditturi, u m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika f'dawn il-proceduri billi huma m'ghandhom u qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u qatt ma ordnaw minghandha fil-kapacita' taghhom personali xoghol ghal jew li sar mill-attrici fil-lukanda, u ghaldaqstant gew imharkin inutilment u ghandhom ghalhekk jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ix-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici ma sarx skont is-sengha u l-arti, ix-xoghol ma sarx *water proof* kif ordnat, u s-socjeta' eccipjenti sofriet u ghadha qeghdha ssofri minn hsarat u danni ngenti bl-ingress tal-ilma li dahal u ghadu qed jidhol fil-lift meta taghmel ix-xita. L-iskop li l-'panoramic lift' jigi maghluq fi struttura tal-hgieg u aluminium kien proprju biex jipprotegi lill-istess lift mill-ilmijiet tax-xita u elementi ohra tat-temp, u t-tiswija tal-hsara minhabba l-ingress tal-ilma swiet u ghadha tiswa lis-socjeta' eccipjenti spejjez konsiderevoli minbarra danni ohra li gew ikkawzati u ghadhom qeghdin jigu kkawzati kemm fil-lift innifsu kif ukoll fil-hitan u fl-injam kif ser jigi ppruvat f'aktar dettal fil-kors tal-kawza, u dwar dawn id-danni l-eccipjenti qeghdin jinqdew b'din ir-risposta guramentata u qeghdin jaghmlu kontro-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni, u biex is-socjeta' attrici tigi kkundannat tirrimedja x-xoghol hazin li sar;

Salvi twegibiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti fejn ippremettew:

Illi s-socjeta' konvenuta All Seasons Holidays Limited inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi appalt ta' xoghol ta' struttura tal-aluminium u hgieg u xoghol iehor relatata u ancillari fil-lukanda Hotel Xlendi Resort & Spa biex tipprotegi l-'panoramic lift' tal-lukanda mix-xita u mill-elementi l-ohra tat-temp;

Illi s-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha skont l-arti u s-sengha u bil-mod kif kien gie miftiehem u ordnat;

Illi s-socjeta' attrici minkejja li giet interpellatata tirrimedja d-difetti u nuqqasijiet ohra fix-xoghol minnha esegwit, u li tlesti l-appalt minn kollox, ghalkemm saru tiswijiet kosmetici li servew biss ghal ftit zmien, effettivament naqset li tirranga d-difetti u li taghmel ix-xoghol skont il-ftehim u skont l-arti u s-sengha;

Illi konsegwenza tax-xoghol hazin, l-ingress tal-ilma li dahal mill-parti tas-saqaf u mill-hgieg tal-istruttura kkawza hsarat u danni ngenti fil-lift u l-mekkanizmu tieghu, fil-hitan, u fl-injam li ghalihom is-socjeta' intimata qed izzomm responsabbli lis-socjeta' attrici.

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi l-appalt fuq imsemmi skont l-arti u s-sengha, u skont il-kundizzjonijiet u fit-termini miftehma, u konsegwenza ta' dan in-nuqqas is-socjeta' konvenuta sofriet danni.

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' attrici biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti tirranga d-difetti u tlesti l-appalt hieles minn kull difetti u skont kif kien gie ordnat, u dan jekk hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' perit tekniku li ghandu jigi nominat minn din il-Qorti;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti biex taghmel ix-xoghlijiet rimedjali kollha mehtiega  a spejjez tas-socjeta' attrici, u taht id-direzzjoni ta' perit tekniku nominand;

4. Konsegwentement tillikwida wkoll l-ispejjez dovuti biex ix-xoghol jigi rrangat u kompletat skont l-arti u s-sengha u skont kif gie ordnat;

5. Tikkundanna lis-socjeta' attrici biex f'kaz li tonqos li tirranga d-difetti u tlesti l-appalt fit-termini u l-ispecifikazzjonijiet moghtija lilha, thallas lis-socjeta' konvenuta l-ammont likwidat taht ir-raba talba biex din taghmel ix-xoghol hi taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat minn din il-Qorti;

6. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta bl-ingress tal-ilma fil-lift u tal-hsarat kollha li sofriet fil-lukanda;

7. Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas d-danni likwidati.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharka.

Rat ir-risposta guramentata ta' Zammit Aluminium Limited ghall-kontro-talba fejn Raymond Zammit ghan-nom tal-istess socjeta' kkonferma:

I. Illi l-hlas li dwaru saret il-kawza tas-socjeta' esponenti jirrigwarda xoghol differenti minn dak li qieghed isir l-ilment dwaru mill-

konvenuti permezz tal-kontro-talba taghhom. Infatti x-xoghol li tieghu s-socjeta' esponenti qed titlob il-hlas huwa ta' *skylight* filwaqt li x-xoghol fil-*'panoramic lift'* gie mhallas mill-istess konvenuti f'Lulju 2010. Dawn huma zewg xoghlijiet differenti.

II. Illi s-socjeta' Zammit Aluminium Limited ma hija bl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-istess konvenuti. F'Settembru 2010 il-konvenuti kienu gibdu l-attenzjoni tas-socjeta' attrici li dahal xi qtar ta' ilma fil-*'panoramic lift'* pero' rrizulta li dan l-ilma kien dahal minn bieb u tieqa li jinsabu fuq nett tal-bejt, liema ilma kien spicca jqattar fuq il-gabina tal-lift fejn hemm tal-apparat tal-lift. Pero' u biex zgur ma tippenetra l-ebda taqtira ilma, it-tubi tal-aluminium gew mimlija b'foam apposta u nfatti minn dakinhar 'il hawn u cioe' go kwazi hames snin shah minn meta sar ix-xoghol hadd mill-konvenuti ma lmenta mas-socjeta' esponenti dwar ix-xoghol li kien sar fuq il-*'panoramic lift'*. Illi ghalhekk ix-xoghol li sar mis-socjeta' esponenti sar skont l-arti u s-sengha stante li l-penetrazzjoni tal-ilma kienet kawza ta' fatturi estraneji ghax-xoghol li hadmet is-socjeta' esponenti. Infatti wkoll meta l-haddiema tas-socjeta' esponenti kienu qed jahdmu fil-lukanda biex jinstallaw l-*iskylight* dejjem uzaw dan il-'panoramic lift'. Ghalhekk din hija biss skuza li nqalghet issa li s-socjeta' esponenti kienet kostretta tfittex id-drittijiet taghha biex tithallas.

III. Illi lanqas huwa minnu li s-socjeta' esponenti giet interpellata tirrimedja dawn l-allegati difetti u wisq anqas xi nuqqasijiet ohra. Infatti s-socjeta' esponenti kienet tabilhaqq sorpriza b'din l-

allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghax l-istess Charmaine Vella lill-esponenti dejjem kienet tghidlu li qed tistenna mill-bank biex jaghtuha l-flus u thalsu;

IV. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro talba setghu facilment gew kontenuti f'numru anqas ta' talbiet u gew frazzjonati unikament biex jizdiedu l-ispejjez, ghal-liema spejjez zejda ghandhom jaghmlu tajjeb unikament il-konvenuti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, ritratti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tal-1 ta' Lulju 2015 it-talba fuq il-bilanc ta' tlieta u ghoxrin Elf, tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) kif indikat fl-istatement a fol. 6 tal-process giet ammessa mill-konvenuti minghajr pregudizzju ghal dak li huwa nkompatibbli mat-tieni eccezzjoni u l-kontro-talba relattiva;

Rat li fid-digriet tal-10 ta' Awwissu 2015 gie nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata dwar il-kontro-talba tal-konvenuti fir-rigward tal-allegat xoghol mhux skont is-sengha u l-arti limitament ghax-xoghol tal-'panoramic lift';

Rat l-atti tar-rikors numru 1/16PC u d-digriet datat 20 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet Charmaine Vella (K.I.503177M) u Mary Rose Vella fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ta' All Seasons Holidays Limited (C37825) vs X ai

termini tal-Artikolu 329B tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Rat ukoll li dawk il-proceduri llum huma ezawriti;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku a fol. 230 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, li giet intavolata originarjament bil-procedura tal-giljottina, is-socjeta' attrici Zammit Aluminium Limited (C6990) talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-bilanc fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) flimkien mal-imghax mid-data tal-konsenja tax-xoghol sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti xoghol ta' hgieg u aluminium skont rendikont a fol. 6 tal-process.

Illi l-konvenuti Charmaine Vella u Mary Rose Vella fil-kwalita' taghhom personali eccepew li mhumiex il-legittimi kontradittturi u dana stante li jsostnu li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u qatt ma ordnaw xoghol fil-kapacita' taghhom personali. Di piu' gie eccepit

kemm minn Charmaine Vella u Mary Rose Vella fil-kwalita' taghhom personali kif ukoll mill-kumpanija konvenuta All Seasons Holidays Limited (C37825) li x-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Illi fil-mori tal-kawza u precizament fil-verbal tal-1 ta' Lulju 2015 it-talba fuq il-bilanc ta' tlieta u ghoxrin elf, tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) giet ammessa mill-konvenuti salv it-tieni eccezzjoni u l-kontro-talba relattiva. Ghalhekk li baqa' x'jigi trattat minn din il-Qorti huma l-interessi fuq l-ammont tat-talba, l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur u l-kontro-talba dwar il-pretensjoni tal-konvenuti li x-xoghol da parti tas-socjeta' attrici ma sarx skont is-sengha u l-arti.

**Eccezzjoni – Mhux il-legittimi kontradditturi:**

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni Charmaine Vella u Mary Rose Vella qeghdin jeccepixxu li mhumiex il-legittimi kontradditturi u dana peress li huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante li huma qatt ma ordnaw xoghol ta' hgieg u aluminium fil-kwalita' taghhom personali.

Illi l-Artikolu 4 sub-artikolu 4 tal-Kap. 386[1] tal-Ligijiet ta' Malta iqis li socjeta' kummercjali ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha. L-Artikolu 4 (4) jaqra kif isegwi:

[1] Att dwar il-Kumpanniji.

> ‘(4) Socjetà kummercjali ghandha personalità guridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri taghha, u l-imsemmija personalità guridika tibqa’ ssehh sakemm l-isem tas-socjetà kummerċjali ma jigix imhassar mir-registru, u b’hekk is-socjetà kummercjali tieqaf tezisti.

Illi l-istess Artikolu 4 pero’ sub-artikolu 1 jelenka x-xorta ta’ socjeta’ kummercjali, b’wahda minnhom tkun infatti ‘kumpanija’. Is-socjeta’ konvenuta All Seasons Holidays Limited (C37825) hija difatti kumpanija, u hija dik responsabbli mit-tmexxija tal-Hotel Xlendi Resort & Spa. L-artikolu jaqra kif isegwi:

> 4. (1) Socjetà kummercjali tista’ tkun ta’ xorta minn dawn -
> (a) socjetà f’isem kollettiv; jew
> (b) socjetà in akkomandita jew socjetà limitata; jew
> (ċ) kumpanija.

Illi fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law**, Dr Andrew Muscat jezamina x’inhi personalita’ guridika. Huwa jghid:

> ‘The question that will now be examined is whether it is a natural consequence of juridical personality that the underlying members are not to be held responsible for the obligations and debts of the juridical person. Conceptually, at least, it should follow from the fact that an association of persons is a juridical person that its members are not as such

liable for its obligations and debts. An inherent and fundamental attribute of juridical personality is that the juridical person, given its own separate legal existence, is capable of acquiring assets and such assets and liabilities will be *its* assets and *its* liabilities and not those of its' members. In other words, there should be no doubt that once the law has recognised juridical personality in an association of persons, if obligations are contracted or liabilities assumed by its representatives in its name, then *it*, as a juridical person separate from its members, assumes the obligations and liabilities. Individual members cannot therefore be held liable towards the creditors of the corporation. The members will be juridically extraneous to the dealings of the juridical person. To them, a transaction concluded or a liability assumed by the juridical person is a *res inter alias acta*.'[2]

Illi s-socjeta' attrici pprezentat diversi invoices u ricevuti annessi mar-rikors guramentat u mmarkati bhala Dok D sa Dok AA (a fol. 7 sa fol. 30 tal-process). Dawn l-invoices u ricevuti dejjem gew mahruga fuq isem Xlendi Resort & Spa jew Hotel Xlendi u qatt fuq isem Charmaine Vella jew Mary Rose Vella personalment. Illi l-Qorti tinnota wkoll li fir-rendikont anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala Dok C (a fol. 6 tal-process) dan ukoll jindika Hotel Xlendi Resort and Spa. Di piu' dawn id-dokumenti jaghmlu referenza ghal Client's Reg. No. bhala dak ta' MT11323503. Jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Renzo Pace Asciak permezz tal-

[2] Principles of Maltese Company Law, Dr Andrew Muscat, p 221.

affidavit tieghu (a fol. 104 sa fol. 108 tal-process) li dan in-numru tal-VAT partikolari huwa n-numru tal-kumpanija ntimata All Seasons Holidays Ltd (C37825). Huwa jesebixxi kopja tac-certifikat tar-Registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) bin-numru tar-registrazzjoni MT11323503 (fol. 110) tal-kumpanija All Seasons Holidays Ltd (C37825) li jaqbel precizament ma' dak indikat fuq ir-rendikont u l-invoices moghtija mis-socjeta' attrici Zammit Aluminium Ltd (C6990).

Illi in vista ta' dak suespost, stante li jirrizulta li kienet is-socjeta' attrici stess li rrikonoxxiet fid-dokumentazzjoni mahruga minnha stess in-numru tal-VAT tal-kumpanija ntimata All Seasons Holidays Ltd. u ta' ebda persuna ohra guridika jew le u stante li wkoll jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti partikolarment mix-xhieda ta' Dr. Renzo Pace Asciak li l-konvenuti Charmaine Vella u Mary Rose Vella huma u jagixxu bhala diretturi ta' din il-kumpanija, huwa evidenti lil din il-Qorti li s-socjeta' attrici kienet qed tirrikonoxxi lis-socjeta' intimata u mhux lill-konvenuti personalment bhala l-mandanti tax-xoghol ordnat. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti Charmaine Vella u Mary Rose Vella tirrizulta li hija legalment gjustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess u tilliberahom personalment mill-osservanza tal-gudizzju.

**Eccezzjoni u Kontro-talba – Mhux skont is-sengha u l-arti:**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li x-xoghol ma' sarx skont is-sengha u l-arti. Difatti huma wkoll intavolaw kontro-talba sabiex jigi konfermat dan u *inter alia* jigu likwidati l-ispejjez dovuti biex ix-xoghol jigi rrangat u komplut skont is-sengha u l-arti. Fil-

kors tal-kawza permezz ta' rikors tas-socjeta' attrici (fol. 87 sa fol. 91) gie sollevat il-punt li l-ilment tal-konvenuti kien jindirizza biss il-'panoramic lift'. Kien ghalhekk li permezz tad-digriet tal-10 ta' Awwissu 2015 din il-Qorti ghaddiet biex tappunta lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata unikament dwar l-istruttura tal-'panoramic lift'.

Illi l-Perit Tekniku pprezenta r-rapport tieghu fir-Registru tal-Qorti nhar il-14 ta' Gunju 2017 (a fol. 230 sa fol. 293 tal-process). Minn qari u analizi ta' dan ir-rapport tekniku jirrizulta li l-Perit Tekniku jasal ghall-konkluzjoni li l-istruttura tal-'panoramic lift' ma gietx iddisinjata skont l-arti u s-sengha u konsegwentament l-istruttura kellha bzonn ta' manutenzjoni hafna aktar frekwenti minn normal. Ghall-kuntarju ta' dak eccepit mis-socjeta' attrici rikonvenzjonata skont il-Perit Tekniku anki l-perkolazzjoni tal-ilma rizultanti fl-istess 'panoramic lift' hija rizultat tal-fatt li l-'panoramic lift' ma giex iddisinjat skont l-arti u s-sengha. Il-Perit Tekniku jsostni li principalemnt dan huwa rizultat li l-istruttura giet iddisinjata mis-socjeta' attrici b'tali mod li tistrieh wisq fuq l-uzu ta' 'sealers' meta kellha tkun taf u setghet tanticipa li fil-post fejn gie nstallat dan il-'panoramic lift'(cioe' fl-ambjent tal-Bajja tax-Xlendi miftuh ghall-elementi) s-'sealer' kien ser jiddeterjora ferm aktar malajr u b'hekk l-istruttura qed ikollha bzonn ta' manutenzjoni ferm aktar spissa minn normal.

Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-kontro-talba l-Perit tekniku kkonkluda li kull ma jista' jsir huwa ameljorament tas-sitwazzjoni u xejn izjed u l-htiega ta' manutenzjoni aktar frekwenti hemm ser tibqa'. Il-Perit tekniku ma wasal ghall-ebda likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti mil-lift

stante li sostna li l-perkolazzjoni tal-ilma ma kinitx bizzejjed sabiex issehh il-hsara allegata fil-'lift'.

Illi l-Perit tekniku fir-rapport tieghu llikwida l-ammont necessarju sabiex isiru x-xoghlijiet kollha necessarji fl-ammont totali ta' elf erba' mija u hamsin Euro (€1450) mqassmin kif isegwi:

(i) Is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) li tenhtieg tintefaq ghal dak li jirrigwarda s-saqaf;
(ii) Is-somma ta' seba' mitt Euro (€700) li tinhtieg sabiex tissewwa l-gonta bejn l-istruttura vertikali tal-aluminiu u l-istruttura tal-binja prorpja tal-lukanda;
(iii) Is-somma ta' erba' mija u hamsin Euro (€450) valur mnaqqas mix-xoghol tas-socjeta' attrici konsegwenza tal-mankanza fid-disinn tal-'panoramic lift'.

Illi fir-risposti ghad-domandi in konstestazzjoni li saru lill-Perit Tekniku l-istess Perit baqa' jinsisti w zamm ferm il-konkluzjonijiet tieghu.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet: **Anthony Marcel Pace Asciaq bhala direttur a nom u in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali 'Continental Design Company Limited' -vs- Joseph u Salome mizzewgin Camilleri** deciza nhar it-28 ta' Jannar 2004 fejn l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fejn irriteniet:

> 'Il-konstatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skont l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u dment li l-

konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku ma gewx gravament imqeghda fid-dubbju b'ragunijiet mhux privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami l-Qorti jkollha taccetta dawn l-istess konkluzjonijiet. Dan aktar u aktar fejn l-attur *nomine qua* parti nteressata ma pprevaliex ruhu mill-fakolta lilu moghtija mil-ligi b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali ("**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967).'

Illi l-Qorti rat ix-xhieda u provi kollha fl-atti, b'mod partikolari d-diversi istanzi ta' xhieda u affidavits ta' Anthony Zammit rapprezentant tas-socjeta' attrici kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu izda ma sabet xejn li jista' jwassalha ghall-konkluzjonijiet diversi minn dawk li wasal ghalihom l-abbli Perit Tekniku l-Perit Valerio Schembri. Anzi l-Qorti tinnota li d-dokumentazzjoni li giet mghoddija wkoll lill-Perit Tekniku mis-socjeta' attrici stess aktar wasslet lill-Perit Tekniku ghall-konkluzjonijiet tieghu li s-socjeta' attrici sahansitra ma mexietx mal-istruzzjonijiet fl-istess dokumentazzjoni w'ghalhekk ma ghamiltx xoghol skont l-arti u s-sengha. Illi din il-Qorti in vista ta' dan kollu kif ukoll a bazi tal-insenjamenti fis-sentenza suesposta sejra taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku Valerio Schembri u qeghdha tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta' All Seasons Holidays Limited mitluba fil-kontro-talba fis-somma ta' elf erba' mija u hamsin Euro (€1450).

Illi dan l-ammont hekk likwidat ghandu jigi mnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba in vista tal-ammont ta' spejjez kif hekk likwidati mill-Perit Tekniku din il-Qorti u wkoll in vista tal-mod kif iddegenerat ir-relazzjoni bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza ma tqisx li jkun idoneu li s-socjeta' attrici tigi ordnata taghmel xoghlijiet hi fuq l-istruttura u ser tghaddi ghall-istess konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Tekniku fis-sens li ser tillikwida l-ispejjez u thalli f'idejn is-socjeta' intimata sabiex hi stess tikkommissjona lil min trid hi sabiex iwettaq ix-xogholijiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

**Talba**

a) Tiddikjara l-ewwel talba tas-socjeta' attrici bhala sorvolata stante li l-konvenuti nghataw l-opportunita' li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

b) Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu gie eccepiet in-nuqqas ta' relazzjoni guridika da parti ta' Charmaine Vella u Mary Rose Vella personalment mas-socjeta' attrici (a fol. 48 tal-process) u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

c) Tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta limitatament biss ghal dak li qed jigi deciz minn din il-Qorti fil-kontro-talba f'din id-decizjoni u

fil-bqija tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta′ konvenuta u tghaddi sabiex tilqa t-tieni u t-tielet talba tas-socjeta′ attrici u tikkundanna lis-socjeta′ konvenuta All Seasons Holidays Limited thallas l-ammont ta′ tlieta u ghoxrin elf, tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) lis-socjeta′ attrici Zammit Aluminium Limited flimkien mal-imghax mid-data tal-ittra ufficjali bin-numru: 52/2015 datata 5 ta′ Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament, mil-liema somma ghandha izda fl-ewwel lok titnaqqas is-somma hekk dikjarata dovuta lis-socjeta′ konvenuta mis-socjeta′ attrici fit-termini tad-decizjoni hawn taht dwar il-kontro-talba;

**Kontro-talba**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta′ attrici rikonvenzjonata biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma′ dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

a) Tilqa′ l-ewwel, ir-raba′, l-hames u s-seba′ talba u tikkundanna lis-socjeta′ attrici thallas l-ammont ta′ elf erba′ mija u hamsin Euro (€1,450) likwidati bhala l-ispejjez dovuti biex ix-xoghol jigi rrangat, liema ammont ghandu jigi mnaqqas mill-ammont ta′ tlieta u ghoxrin elf, tnejn u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€23,082.54) ordnat li jithallas mis-socjeta′ intimata lis-socjeta′ rikorrenti permezz tad-decizjoni odjerna ghat-talba promotorja;

b) Tichad it-tieni, it-tielet u s-sitt talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

Bl-ispejjez tat-talba promotorja kollha kif mitluba a karigu tas-socjeta' konvenuta All Seasons Holidays Limited filwaqt li l-ispejjez relatati mal-kontro-talba ghandhom jigu sofferti bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta ugwalment bejniethom. Fir-rigward tal-ispejjez tal-kontro-talba l-Qorti tilqa' f'dan l-istadju ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata stante li huwa minnu li t–talbiet fil-kontro-talba setghu facilment jigu nkorporati f'numru anqas ta' talbiet w'ghalhekk tordna li l-kontro-talba tigi ntaxxata bhall-kontenenti erba' talbiet u mhux sebgha.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur